**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Wieħed u Erbgħin (41)**

**11 ta' Novembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Attard - Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier *(dahal ghal-laqgha fis-6.15pm)*

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgha, is-Sindku, ghan-nom tal-Kunsill, ta l-kondoljanzi lill-Vici Sindku Aaron Agius fit-telfa tal-ghaziz nannu tieghu, Saver Agius, li halla din id-dinja nhar l-Erbgha 10 ta' Novembru 2021 fl-eta' venerabbli ta' 95 sena.

**41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

41.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**41.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tas-6 ta' Ottubru 2021**

41.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 39 li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021.

**41.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa b'urġenza**

41.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgha b'urġenza numru 40 li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021.

**41.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

41.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li llum il-Hamis 11 ta' Novembru 2021, saret laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex, l-Onor. Clint Camilleri rigward il-progett ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn li qed isir prezentament. Dan ix-xoghol qed isir mill-Kunsill b'finanzjament min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jircievi hafna kritika min-naha tar-residenti li joqoghdu fi Triq Marsalforn minhabba li x-xoghol f'din it-triq waqa' lura hafna. Il-kuntrattur Victor Hili informa lis-Sindku li qed jistenna xi xoghol min-naha tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma qabel ikun jista' jipprocedi. Is-Sindku qal li huwa ser ikompli jsus wara din il-Korporazzjoni sabiex ix-xoghol ikun jista' jitkompla minghajr aktar dewmien.

Is-Sindku innota li fl-istess laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex, tqajjem il-punt ta' periklu pubbliku li jezisti fi Triq il-Marga li hija t-triq li mix-Xaghra twassal hdejn ir-ristorant Ta' Frenc. Huwa qal li l-istima preparata mill-Perit Edward Scerri f'Gunju 2020 tammonta ghas-somma ta' € 800,000 li tinkludi l-asfaltar tat-triq minn fuq s'isfel. Is-Sindku qal li l-Ministeru ghal Ghawdex qed jipproponi li ghalissa jsir intervent fuq zewg jew tliet partijiet li huma l-aktar problematici f'din it-triq sabiex insolvu l-problema ezistenti f'din it-triq. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara stima tax-xoghlijiet rikjesti f'dawn iz-zewg jew tliet partijiet tat-triq halli tkun tista' titressaq ghall-approvazzjoni tal-Ministeru ghal Ghawdex.

41.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 29 ta' Settembru 2021, l-Awtorita' tal-Ippjanar tat l-approvazzjoni taghha sabiex ikun jista' jibda x-xoghol fuq it-twaqqiegh tal-bini ezistenti tal-Kunsill Lokali halli eventwalment jinbena Centru Civiku gdid u modern ghaz-zminijiet tal-lum.

Is-Sindku qal li nhar l-Erbgha 24 ta' Novembru fid-9.00am ser issir konferenza tal-ahbarijiet mill-Ministru Clint Camilleri biex jithabbar il-progett tac-Centru Civiku li ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill qabel li wara li ssir din il-konferenza ghandna nipprocedu bil-pubblikazzjoni tal-offerti pubblici necessarji relatati ma' da nil-progett.

Fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-ufficcju tal-Kunsill ghal-librerija pubblika matul iz-zmien li fih ikun ghaddej il-progett, il-Kunsill qabel li ghandna nibdew noperaw mill-ufficini l-godda f'Jannar 2022.

41.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza numru 32 tal-Ġimgħa 21 ta' Mejju, fil-prezent ghaddejjin bil-proċess ta' ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill wara r-riżenja tas-Sinjura Manolita Manicaro minn Uffiċjal Eżekuttiv. Dan qed isir wara li nġabet l-approvazzjoni neċessarja min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li din is-sejha ghal skrivan *full time* fi skala 15 tinsab fi stadju ta' sejha interna ghall-Kunsilli Lokali ta' Malta u Ghawdex u taghlaq nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru. F'kaz li ma jkun hemm hadd li japplika ghal din il-vakanza f'dan l-istadju, is-sejha tmur

41.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Richard Cauchi infurmah li l-fanali dekorattivi li ghandhom jehlu fil-belvedere tal-Qacca jinsabu maqbudin l-Italja u dawn ser jaslu Malta nhar l-Erbgha 17 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li ghandna ninsistu mal-kuntrattur sabiex dan ix-xoghol jitlesta mill-aktar fis possibbli.

41.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li ghandna nezigu mal-kuntrattur Mario Muscat li x-xoghol tat-tahmil ta' *reservoir* fi Pjazza l-Vitorja ghandu jitlesta sal-ahhar ta' Novembru sabiex ma nharbtux l-istagun tal-festi tal-Milied.

41.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ngabet stima minghand il-kuntrattur Joe Buttigieg mill-Qala rigward it-tizjin ta' zewg sigar tal-Milied u festuni tad-dawl fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Din l-istima tammonta ghas-somma ta' 3000 Ewro VAT eskluza. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

Fir-rigward tat-tizjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja ghall-festi tal-Milied, il-Kunsill afferma d-decizjoni tieghu mehuda fil-laqgha b'urgenza li saret nhar l-Erbgha 27 ta' Ottubru 2021 u qabel li t-tizjin ghandu jkun mixghul fil-perijodu bejn l-1 ta' Dicembru 2021 u s-6 ta' Jannar 2022.

41.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu ghaddejjin bil-preparamenti taghna ghall-organizazzjoni tal-Kuncert tal-Milied. Dan il-Kuncert ser isir nhar it-Tnejn 27 ta' Dicembru 2021 fis-7.30pm fil-Knisja Bazilika ta' Marija Bambina.

Il-Kunsill qabel li ghandna nivverifikaw mas-Surmast Mro. Dr. John Galea li r-*reservations online* qed isiru min-naha tal-amministrazzjoni tal-*Chorus Urbanus*. Ghandna wkoll niccekkjaw mal-Ufficcju Parrokkjali tax-Xaghra rigward is-servizz tal-*ushers* waqt din l-attivita' biex tkun konformi mar-regolamenti u l-prezenza ta' zewg ufficjali tal-ERRC biex jiehdu t-temperatura ta' dawk kollha li ser jattendu ghal dan l-avveniment. Is-Segretarju Ezekuttiv innota li l-prezentatur Keith Demicoli ikkonferma li ser jipprezenta din l-attivita'.

41.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li sad-data tal-gheluq tas-sottomissjoni ta' kwotazzjonijiet ghal provvista ta' *playhouse* gdida ghal Vjal it-Tmienja ta' Settembru, kien hemm tliet offerti li gew sottomessi.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandu jinhatar bord ta' evalwazzjoni li jkun iffurmat mis-Sur Anthony Farrugia bhala *chairman*, Dr. Sharon Calleja LLD u l-Inginier Mario Galea bhala *evaluators* u s-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-bord.

41.4.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li rcieva diversi kummenti min-naha tal-pubbliku generali rigward il-*one way* ta' Triq it-28 ta' April 1688. Huwa qal li diversi residenti qalu li kienu favur li din it-triq issir *one way* pero' jippreferu li ssir fid-direzzjoni opposta. Huwa qal li nfurmahom li din it-triq saret hekk biex tkun pari passu ma' dak li sar fl-ewwel parti ta' Triq Knisja.

Is-Sindku qal li tkellem mas-Supretindent tal-Pulizija u mas-Sur Ruben Said minn Transport Malta rigward il-problema li hemm ta' ipparkjar ta' vetturi f'din it-triq u li mhux tippermetti lil certi residenti sabiex johorgu mill-isqaqien fejn joqoghdu f'din it-triq. Is-Sur Said informa bil-miktub lill-Kunsill li hu jixtieq li jsiru *single* jew *double yellow lines* quddiem xi garaxxijiet li hemm f'din it-triq sabiex tigi evitata din il-problema.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona li ghalissa l-*one way* ta' Triq it-28 ta' April 1688 ghandha tigi sospiza temporanjament sakemm issir analizi tal-problemi li nholqu minhabba fiha ghal xi residenti. Huwa issuggerixxa wkoll li tinghata eccezzjoni ghar-residenti tat-triq sabiex ikunu jistghu jidhlu fir-residenza taghhom fid-direzzjoni opposta. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan anke wara pariri li rcivejna minghand is-Supretindent tal-Pulizija u Transport Malta.

Wara diskussjoni, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li l-ewwelnett ghandha ssir medjazzjoni mar-residenti tal-inhawi fis-sens li tintbaghat ittra lil dawn ir-residenti biex nispjegaw x'inhuma l-problemi ezistenti u fejn nitolbuhom kordjalment ma jhallux il-vetturi taghhom ipparkjati quddiem il-garaxxijiet rispettivi. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill ma jkollux triq ohra ghajr li jiddiskutu metodi ulterjuri fil-laqgha ta' Dicembru 2021.

41.4.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li gie avvicinat mis-Sinjorina Marthese Bajada li hija haddiema tal-*Community Workers Foundation* assenjata maghna li fiha talbet li jitnaqqsu s-sighat tal-ftuh tal-librerija pubblika taghna minhabba nuqqas ta' konkorrenza mill-pubbliku f'certu hinijiet ta' matul il-gimgha.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li b'effett minn nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2021, il-librerija ghandha tibda tinfetah nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha mid-9am sal-4pm, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mid-9am sas-1pm filwaqt li nhar ta' Sibt tiftah mid-9am sal-11am. Il-Kunsill qabel li, fil-hinijiet li fihom tkun maghluqa l-librerija, is-Sinjura Marthese Bajada ghandha taghti s-servizzi taghha fl-ufficcju tal-Kunsill u prezentament taghti l-assistenza fil-process ta' rilokazzjoni tal-ufficcju amministrattiv.

## 41.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

41.5.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar x'jigri ezattament meta l-*bring-in-sites* tat-Tafla jkunu mimlija. Is-Sindku wiegeb li dawn il-*bring-in-sites*

huma moniterjati mill-*Greenpak* u f'din l-eventwalita', jintbaghat il-kuntrattur sabiex ibattal il-*bins*.

41.5.2 Il-Vici Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-possibilita' li titranga l-ahhar parti ta' Triq Ta' Garaffa. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Johann Camilleri sabiex jivverifika li z-zona msemmija hija art pubblika u, f'din l-eventwalita', jipprepara stima dettaljata tax-xoghlijiet.

41.5.3 Il-Vici Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-htiega li jsir *water culvert* fil-main road tax-Xaghra. Is-Sindku wiegeb li din il-materja diga' giet diskussa mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u qed nistennew risposta minghandhom.

41.5.4 Il-Vici Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-possibilita' li jitwahhal fanal ghat-triq il-gdida li nfethet fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-kuntrattur Richard Cauchi sabiex naraw x'fanali ghandu *in stock*.

41.5.5 Il-Kunsillier Stefan Bajada staqsa dwar il-possibilita' li titranga l-ahhar parti ta' Triq Tal-Wied tal-Ghezien minhabba li tinsab fi stat hazin. Is-Sindku wiegeb li qed nistennew l-istima tax-xoghlijiet minghand il-Perit Edward Scerri.

41.5.6 Il-Kunsillier Stefan Bajada staqsa dwar zewg pots li tpoggew fi Triq Ta' Bertrija li qed jostakolaw it-traffiku. Il-Kunsill qabel li ghandna naghmlu rapport formali lill-Pulizija sabiex jitolbu li dawn il-pots perikoluzi jitnehhew qabel jigri xi incident.

41.5.7 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar meta ser issir il-Quddiesa ghal ruh l-ex-Sindku Joseph Spiteri li miet fl-10 ta' Lulju 2021. Is-Sindku wiegeb li ser jiccekkja mal-Arcipriet jekk din tistax issir nhar il-Hadd 28 ta' Novembru fil-11.00am fil-Knisja Bazilika.

41.5.8 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar x'ser jigri fix-Xaghra ladarba hemm diceriji li t-tfal li jattendu fl-iskola primarja tan-Nadur ser jigu

rilokati ghall-iskola primarja tax-Xaghra sakemm jitlestew ix-xoghlijiet ta' ristruttur fl-iskola primarja tan-Nadur. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitolbu laqgha dwar dan is-suggett mal-Ministru Justyne Caruana u s-Segretarju Permanenti ghall-Edukazzjoni s-Sur Frank Fabri.

**41.6 Qari tal-Korrispondenza**

41.6.1 Kwotazzjoni mingħand Mro. Mark Gauci għal servizz ta' *brass ensemble* li ddoqq mużika tal-Milied fil-pjazez u fit-toroq. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' € 500 VAT inkluża. Il-Kunsill qabel li ghandna naraw jekk dan is-servizz jistax jinghata nhar il-Hadd 19 ta' Dicembru 2021 fi Pjazza l-Vitorja.

41.6.2 E-mail mingħand Elvin Borg, President tal-Għaqda 'Milied fix-Xagħra', li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' diversi attivitajiet relatati mal-festi tal-Milied. Is-somma mitluba hija ta' € 800.

Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li l-Ghaqda takkwista l-permessi kollha necessarji min-naha tal-awtoritajiet kompetenti sabiex tkun tista' torganizza dawn l-attivitajiet.

41.6.3 E-mail mingħand Joseph Casapinta, Chairman tal-MG Car Club Malta, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali sabiex jorganizza wirja statika ta' vetturi antiki fil-qalba tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li din il-wirja ghandha tigi organizzata matul ix-xahar ta' Jannar 2022.

41.6.4 Ċirkulari numru 104/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'LCA Internal Vacancy – Senior Executive Assistant'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.5 E-mail mingħand Suzanne Piscopo b'informazzjoni dwar il-kors 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar' li qed isir fil-Kunsill Lokali tal-Għarb. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.6 E-mail mingħand Joseph Zammit għan-nom tal-Grupp Armar Sant'Anton li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jiffinanzja t-tħaffir ta' erba' ħofor tal-antarjoli fi Triq Sant'Anton. Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li x-xoghol ikun kopert bil-permessi kollha necessarji min-naha tad-Dipartiment tat-*Trenching* u/jew Dipartiment kompetenti ohrajn.

41.6.7 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar it-tnedija ta' sistema ta' permessi *online* għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.8 Ċirkulari numru SPI/SCI/7/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.9 Ċirkulari numru SPI/TW/8/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Proċess ta' Ġemallaġġ minn Reġjun / Kunsill Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.10 E-mail mingħand Mark Formosa, Teżorier tax-*Xagħra United Football Club*, li fiha qed jitlob l-assistenza tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fil-proġett ta' rilokazzjoni tas-*solar PV panels* mis-sit eżistenti tagħhom għall-*area* riservata għall-klabb tal-boċċi tax-Xagħra. L-istima tammonta għas-somma ta' € 12,969.38c.

Il-Kunsill innota li din it-talba ma tistax tigi accettata minhabba li trid tinhareg offerta pubblika skont ir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali u minhabba s-somma kbira li qed tintalab u li mhix fil-*budget* tal-Kunsill.

41.6.11 Ċirkulari numru 105/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tqassim tal-flokkijiet għall-Fun Run tal-President'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.12 Ċirkulari numru 106/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'President's Fun Run 21/11/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.13 E-mail mingħand Tonya Lehtinen li fiha qed titlob laqgħa mal-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex rigward *awareness* dwar l-effetti ħżiena ta' *fast fashion* u *textile waste* fuq l-ambjent. Il-Kunsill accetta din it-talba.

41.6.14 Ċirkulari numru 113/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Managing Residents Experience & Customer Care – Mentor Aid Session 17/11/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.15 E-mail mingħand Abner Joe Buttigieg, rappreżentant tal-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li jista' jiffirma b'mod parzjali l-ftehim dwar il-qtugħ tal-ħaxix selvaġġ ta' 80% tal-passaġġi rurali kollha tal-lokalita'.

Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li jkun hemm eccezzjoni ghal dawk l-istanzi fejn il-haxix selvagg ikun qed johloq periklu pubbliku u ghaldaqstant ikun hemm il-htiega li jitnehha.

41.6.16 Komunikat mill-Awtorita' Maltija għar-Riżorsi (ERA) rigward il-ġbir ta' skart bieb bieb minn stabbilimenti kummerċjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.17 Ċirkulari numru 112/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Info Session Level Up Residents' Fundamentals through Education 24/11/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.18 Ċirkulari numru 11/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.19 Ċirkulari numru 111/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'World Town Planning Day seminar'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.20 Kwotazzjoni mingħand il-kumpanija A S Solutions Limited rigward *anti-skid material* għal Triq San Marzjal. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' € 12,980 VAT inkluża. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.21 E-mail mingħand Dr. Marlene Cini, Segretarja tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex, li fiha l-Kumitat qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dik il-parti tat-triq li tagħti għar-raħal tax-Xagħra mir-roundabout (b'toroq li jwasslu lejn ix-Xagħra, in-Nadur u Triq San Anard) sat-Triq Ta' Ħamet tissemma 'Triq ix-Xagħra'.

Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta u qed jitlob li ma jkunx hemm tibdil fl-isem ezistenti tat-triq.

41.6.22 E-mail mingħand Dr. Marlene Cini, Segretarja tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex, li fiha qed tinforma lill-Kunsill li:
(a) l-isqaqien ta' Triq 28 ta' April għandhom jiġu numerati mill-1 sas-6 u jekk hemm bżonn jingħataw isem toponomastiku;
(b) il-Kunsill għandu jissuġġerixxi żewġ ismijiet toponomastiċi għaż-żewġ frieġħi sqaqien twal ta' Triq Ta' Ġorf;
(ċ) hemm sqaq ieħor żgħir fi Triq Ta' Ġorf li jista' jiġu numerat u
(d) il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li l-isqaq fi Triq il-Knisja faċċata ta' Triq Għajn Damma jissemma 'Sqaq Ta' Lablab'.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni pero', fir-rigward tal-isqaqien fi Triq Ta' Gorf, il-Kunsill qabel li dawn kollha ghandhom jigu enumerati.

41.6.23 Ċirkulari numru 110/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Cat Feeders'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.24 Ċirkulari numru 107/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Info Session Sports u Attivitajiet Fiżiċi għall-Kunsilli Lokali 11/11/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.25 Ċirkulari numru 109/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Proposta Metro'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.26 Ċirkulari numru 108/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ħinijiet u żamma tal-Ordni waqt il-Fun Run tal-President'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.27 Ċirkulari numru SPI/SCI/8/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.28 E-mail mingħand Maria Camilleri, rappreżentanta tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, b'informazzjoni dwar il-konferenza annwali tal-istess Kummissjoni li saret illum il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.29 Kwotazzjoni mingħand il-Gozo Press rigward l-istampar tal-magazine annwali tal-Kunsill. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' € 1400 VAT inkluża. Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni.

41.6.30 E-mail mingħand Julian Tanti li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jikkunsidra li jinstalla *basketball hoop* f'xi wieħed mill-ġonna pubbliċi tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li din il-*basketball hoop* ghandha tigi installata fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

41.6.31 E-mail mingħand il-Pulizija li fiha qed jitolbu lill-Kunsill sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-*mini market* fi Pjazza l-Vitorja kif toħroġ minn Triq l-Ispiera. Dan peress li l-karozzi tal-linja qed ikollhom problema biex johorgu minn Triq Spiera ghal Pjazza l-Vitorja meta jkun hemm il-vetturi ipparkjati hemmhekk.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Mario Cordina sabiex ifassal *traffic management plan* ghal Pjazza l-Vitorja.

41.6.32 E-mail mingħand Gordon Grech li fiha qed jitlob sabiex il-flow tat-traffiku fil-*one-ways* il-ġodda li saru fi Triq Knisja u Triq 28 ta' April 1688 issir bil-kontra, b'tali mod li Triq Knisja tiġi *one-way* 'il fuq u Triq 28 ta' April 1688 tiġi *one way* lejn Pjazza Sant'Anton. Din il-korrispondenza diga' giet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgha.

41.6.33 E-mail mingħand il-Perit Lauren Dimech li fiha li qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħti n-*no objection* tiegħu ħalli tiġi rilaxxata garanzija bankarja relatata mal-permess b'numru ta' riferenza PA 6961/18, liema permess

ikopri xogħol li sar quddiem Emerald Court fi Triq l-Għar ta' Xerri, Xagħra. Il-Kunsill accetta din it-talba.

41.6.34 Ċirkulari numru 114/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Update of Application – Active Ageing Community Care'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.35 E-mail mingħand il-Gozo Business Chamber b'informazzjoni dwar webinar li ser jiġi organizzat mill-Europe Direct Office bit-tema 'Getting to know Solidarity, Volunteering Abroad: The European Solidarity Corps'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.36 Ċirkulari numru 116/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Laqgħa ta' konsultazzjoni fuq installazzjoni ta' charging pillars'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.37 Ċirkulari numru 117/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Update on status of PA funding with Local Councils'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

41.6.38 E-mail mingħand il-Perit Lauren Dimech li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex isir *culvert* li jilqa' l-ilma tax-xita fi Triq l-Għar ta' Xerri. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Johann Camilleri sabiex jipprepara stima dettaljata tax-xoghlijiet rikjesti sabiex tkun tista' titressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

41.6.39 Ittra mingħand Mary Rose Bajada, Segretarja tal-Għaqda tan-Nar Xagħra, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni ta' attivita' tal-Milied nhar is-Sibt 4 ta' Diċembru 2021. Is-somma mitluba hija ta' € 500.

Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li l-Ghaqda tan-Nar Xaghra takkwista l-permessi kollha necessarji min-naha tal-awtoritajiet kompetenti sabiex torganizza din l-attivita'.

41.6.40 Ittra mingħand Dun Joseph Bajada, Rettur tal-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu, li fiha qed jitlob li ssir protezzjoni stradali li ma tħallix issir aktar ħsara liz-zuntier tal-Knisja tan-Nazzarenu.

Il-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw ma' Transport Malta dwar jekk tali protezzjoni tistax issir skont ir-regolamenti taghhom.

41.6.41 Ittra minghand Dun Joseph Bajada, Rettur tal-Knisja ta' Gesu' Nazzarenu, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-organizazzjoni tal-Presepju Haj f'kantina li tinsab faccata tal-Knisja ta' Gesu' Nazzarenu. Is-somma mitluba hija ta' € 500.

Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li din l-attivita' tkun koperta bil-permessi kollha necessarji min-naha tal-awtoritajiet kompetenti.

41.6.42 E-mail mill-Kumpanija *District Operations Limited* li fiha din il-kumpanija qed titlob lill-Kunsill sabiex jistabbilixxi r-rata ta' *performance bonus* li ser jagħti lill-ħaddiema tagħha assenjati miegħu.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, is-Sindku propona li l-haddiema kollha assenjati maghna ghandhom jinghataw *performance bonus* ta' 85%. B'vot wiehed favur u erba' astensjonijiet, din il-proposta giet accettata.

41.6.43 E-mail mingħand Dr. Aaron Attard Hili LLD li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra f'inizjattiva ta' timbru postali sabiex jitfakkar l-anniversarju mill-mewt tal-kumpajżan Xagħri, Laurent Ropa. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'din l-inizjattiva bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 170.

## 41.7 Ilmenti mir-residenti

41.7.1 Talba mingħand Joseph Azzopardi ta' Triq Liberat Grech sabiex issir *reserved parking bay* għad-disabled quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

40.7.2 Talba mingħand Josephine Galea ta' 'Josem', Triq Għonqa, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tagħha minħabba li t-triq hija dejqa u qed issib diffikulta' biex toħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

40.7.3 Talba mingħand Nazzarenu Theuma ta' 'Sunset', Triq Ġużeppi Grech, sabiex issir bozza ġdida fi Triq Ġużeppi Grech kif toħroġ mid-*drive-in* tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

40.7.4 Talba mingħand Emmanuel Mizzi ta' 12, Triq Masri, sabiex issir bozza ġdida quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

40.7.5 Talba mingħand Andrew Debattista ta' N.B., Triq il-Kumittiva, sabiex issir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir u ser nagħmlu t-talba lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-Ministeru għal Għawdex.

40.7.6 Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex isir xogħol ta' asfaltar fi sqaq fi Triq Mannar. Is-Sindku innota li diġa' inkarigajna lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara stima tax-xogħlijiet rikjesti.

40.7.7 Talba minghand Maurice Sultana ta' 68, Triq it-Tigrija, sabiex issir mera fi Triq Ghajn Qamar faccata ta' Triq Kalipso. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

40.7.8 Talba minghand Salvu Spiteri ta' 32, Triq l-Ghar ta' Xerri, sabiex issir bokka fil-*main road* fuq ir-rih fejn hemm il-*bring-in-sites* ta' Triq it-Tafla sabiex l-ilma tax-xita jinzel minn hemm u jibqa' sejjer ghall-Wied tar-Ramla u hekk jiffranka li jghaddi mit-triq kollha biex imur fil-Wied ta' Zejta u hekk issir inqas hsara lit-toroq.

Is-Sindku innota li din il-materja qed tiġi diskussa diġa' mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u mal-Ministeru għal Għawdex u qed nistennew l-eżitu tad-diskussjonijiet.

40.7.9 Talba minghand Mary Sultana ta' 134, Triq Ta' Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem id-dar li hemm fil-kantuniera faccata tal-familja Mercieca. Din it-talba qed issir peress li l-vetturi l-kbar qed ibatu sabiex iduru jekk ikun hemm xi hadd ipparkjat u anke huma ma jkunux jistghu jidhlu fl-isqaq fejn ghandhom ir-residenza.

Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

40.7.10 Talba minghand Benny Xerri ta' Pjazza l-Vitorja sabiex jiqsaru s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li hemm quddiem il-pompa tal-*fuel* fl-istess Pjazza. Il-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

40.7.11 Talba minghand il-persuna li qieghda zzomm l-*electric buses* fil-bitha taghha fix-Xaghra sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faccata tal-istess bitha peress illi jekk ikun hemm karozzi ipparkjati faccata, dawn ma jkunux jistghu johorgu.

Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta u niccekkjaw ukoll dwar il-possibilita' li jkun hemm parti mill-hajt ezistenti li jitnehha u jsir kancell.

40.7.12 Talba sabiex titranga qaghda tal-ilma li tinsab quddiem ir-residenza 'Dar Peppina' fi Triq Gnien Xibla. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara stima tax-xogħlijiet rikjesti.

40.7.13 Talba minghand Anthony Borg ta' Orchard Court, Flat 6, Triq il-Gnejna, sabiex issir *communal reserved parking bay* ghad-*disabled* quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

40.7.14 Talba minghand Terry Camilleri ta' Triq Laurent Ropa sabiex jinzebghu l-*parking slots* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Johann Camilleri sabiex ifassal pjanta ta' dawn il-*parking slots* li tkun tista' titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

40.7.15 Talba mingħand George Sultana ta' Triq Marsalforn sabiex titwaħħal bozza ġdida ma' arblu eżistenti tad-dawl quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

*Il-Kunsillier Stefan Bajada rtira mil-laqgħa fit-8.00pm.*

**41.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

41.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

41.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

41.8.3 Fir-rigward tal-pagament lill-Awtorita' tal-Artijiet rigward id-devoluzzjoni tal-*belvedere* fil-parti ta' isfel ta' Triq Gajdoru, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-permess tal-istess Awtorita' sabiex għalissa titħallas parti biss minn dan il-kont u ser nitolbu wkoll lill-Awtorita' sabiex tneħħi d-devoluzzjoni tiegħu u tieħdu lura fil-kustodja tagħha.

**41.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

41.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Diċembru 2021 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**